MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-7 ta' Jannar, 2011

Numru. 1004/2010

**Il-Pulizija**
**Spettur Ian Joseph Abdilla**

**vs**

**Joseph Puglisevich**

Il-Qorti,

Rat li l-imputat Joseph Puglisevich ta' 60 sena, bin il-mejjet Anthony u il-mejta Antonia nee' Caruana, imwieled Msida fl-24 ta' Marzu 1950 u residenti f' Pauline Flats, Flat 3, Garden Street, Msida u detentur tal-karta tal-identita numru 283150(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

F'dawn il-Gzejjer, fl-10 ta' Marzu 2010 u fix-xhur u s-snin ta' qabel

1. Ta ordni lil haddiehor sabiex jaghmel delitt, jew b’xi mod li jkun xjentament, ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom dawn, sabiex jiksbu xi vantagg jew beneficcju ghalihom jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita pubblika xjentament ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taw taghrif falz, u cioe certifikat tal-VRT falz;

2. Fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, ta ordni lil haddiehor biex jaghmel delitt, jew b’xi mod li jkun, xjentament, ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom dawn, bhala operaturi jew persuni li kellhom licenzja biex jittestjaw, hargu certifikat li kien juri li l-vettura ghaddiet mit-test meta l-istess vettua ma kienetx gie ittestjata.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta’ htija barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta’ l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti kienet ukoll gentilment mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghal hlas ta’ spejjes li jkollhom x’ jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 17 ta’ Novembru 2010 (esebit a fol. 9 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tas-7 ta’ Jannar 2011 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta’ nhar is-7 ta’ Jannar 2011 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Ghall-finijiet ta’ piena l-Qorti ikkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri kif ukoll ikkunsidrat il-fatt li kkopera bis-shih fil-kors tal-investigazzjoni kif ukoll il-fatt li ghandu l-fedina penali relattivament netta.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 42(a) u 188 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta kif ukoll ir-Regolament 25(b) tal-SL 65.15, il-Qorti ssib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tilliberah bil-kunidizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien sentejn(2) millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------